MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Rikors Ta Revoka Numru. 262/2012

**Fl-Atti tal-Mandat ta' sekwestru Nru. 246/12**
**Fl-ismijiet:**

**Anna Maria Abdilla ID 324161M**

**vs**

**Marco Abdilla ID 108462M**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Marco Abdilla ID108462M, li kien prezentat fid-9 ta' Novembru 2012 u li jaqra hekk:

*"Illi preliminarjament huwa qed jaghti ruhu notifikat bil-mandat kawtelatorju ta' sekwestru nru. 246/12 fl-ismijiet Anna Maria Abdilla ID 324161M vs Marco Adbilla ID*

*108462M fejm martu qed tikkontendi sehma tal-komunjoni tal-akkwisti u manteniment hwa ta' €500,000.*

*Kopja tal-mandat ta' sekwestru hija annessa u mmarkata Dok. A.*

*Illi tali mandat huwa vessatorju, mhux gustifikat u eccessiv stante li martu taf li huma dejjem bil-paga ghexu u ma ghandhomx assi ta' miljun ewro; proprjeta ma ghandhom xejn; anzi ghandhom djun mal-HSBC Malta plc ta' aktar minn €54,000 liema dejn kien qed ihallas l-esponenti.*

*Illi in oltre dwar manteniment dan huwa vessatorju stnate li huwa dejjem ghadda manteniment lil martu u wliedu minkejja li ma hemmx ebda digriet mill-Qorti li tordnalu jaghmel dan. Illi ghal din ir-raguni wkoll tali mandat huwa vessatorju.*

*Illi ghalhekk l-intimata martu ghandha tiggustifika kif waslet ghal dan l-ammont u jekk hemm assi ohra li huwa ma jafx bihom tajjeb li huwa jkun jaf bihom f'dan l-istadju.*

*Illi in oltre l-Artikolu 381 (a) tal-Kap 12 s-salarju mhux sekwestrabbli.*

*Illi tali mandat qed jikkawza danni rrepabbli lill-istess komunjoni tal-akkwisti stante li r-rikorrenti mhux ser ikun f'pozizzjoni li jhallas l-loans li ghandhom l-partijiet b'dan li l-imghaxijiet jibqghu dejjem jakkumulaw. (Dok B pagamenti tal-loans li ghandhom l-partijiet)*

*Jigi ritenut li dan huwa dejn li ghamlu l-partijiet meta fethu restaurant sabiex anke jghinu lit-tifel u jibqa jiggestih hu izda ma irnexxiex.*

*Illi in oltre wkoll huwa mhux ser ikollu mezzi biex ihallas il-kera ta' fejn joqghod u jispicca barra t-triq tenut li d-dar matrimonjali hija parafernali tal-mara. L-esponenti jahdem il-Mellieha Bay Hotel u jikri kamra fl-istess lukanda.*

*Llli zgur li fic-cirkostanzi s-socjeta' intimata agixxiet b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus paterfamilias meta intavolat dan il-mandat. Dan ifisser, kif jghid il-Baundry-Lacantinerie li min jagixxi in mala fede jew minhabba zball grossolan, jista jigi kkundanat ihallas danni lill-avversarju tieghu.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost u filwaqt s-socjetatjiet esponenti jirrizervaw li jressqu l-provi u li jaghmlu s-sottomissjonijiet mehtiega l-istess socjetajiet esponenti jitolbu bir-rispett sabiex din l-Qorti joghgobha:*

*a) Tirrevoka u tannulla l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet u bin-numru premessi a tenur tal-artikolu 836(1)(b)(d)(f) u (f) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

*b) Tikkundanna lis-sekwestranta thallas penali skond il-ligi lil zewgha stante li l-mandat mhux gustifikat skond il-ligi (artikolu 836(8)(b)(c)(d) tal-Kap.12;*

*c) In diferr li tilqa l-ewwel zewg talbiet tal-esponenti, tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug tal-att kawtelatorju biex taghti, fit-terminu qasir u perentorju li din il-Qorti joghgobha tipprefiggi, fi zmien stabilit mill-Qorti, garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali li tista' tigi mposta u ta' danni mghax u fin-nuqqas li tnehhi l-mandat premess.*

*Bl-ispejjez u b'rizerva ghal kull azzjoni spettanti lil-eponenti ghad-danni naxxenti mill-mandat premess."*

Rat in-nota ta' Anna Maria Abdilla ghar-rikors presentat fid-9 ta'Novembru 2012, tal-21 ta' Novembru 2012 li taqra hekk :

*1. "Illi l-esponenti hi mara tad-dar u dana sa mid-data taz-zwieg tat-3 ta' Gunju 1988;*

*2. Illi dejjem inzammet injota mill-intimat rigwardanti l-introjtu tieghu izda qabel ma l-intimat telaq, peress li kellu*

*relazzjoni ma mara ohra, kien jghaddi manteniment ta elf hames mitt Ewro fix-xahar (€1,500) lill-esponenti ghalija u ghat-tfal Edward u Andrew. Jidher mid-dokument li esebixxa l-istess intimat li mill-Mellieha Bay Hotel jaqla minn ta lanqas tlett elef, hames mija u erba' Ewro u hamsin centezmu (€ 3504.50) fix-xahar. L-esponent ma tafx jekk l-intimat ghandhu introjtu iehor;*

*3. Illi fid-dar fejn tirrisjedi l-esponenti hi proprjeta parafernali tal-attrici izda soggetta ghall-usufrutt ta' ommha u bhekk tghix hi u l-ulied fil-fond fuq tolleranza ta omm l-esponenti;*

*4. Illi ulterjorment, meta telaq mid-dar konjugali, l-esponenti halla kont ta' elfejn Ewro (€2000) dawl u ilma fil-konfront ta' Mary Lilian Balzan, omm l-esponentim u l-esponenti qed ikollha thallas dan l-ammont hi ftit , ftit , minn dak li salwarjament jghaddilha r-ragel;*

*5. Illi Andrew hu taht l-eta' u jistudja u Edward, ghalkemm maggorenni ghandu kundizzjoni psikologika (depression) (vide annessi Dok A u B) li ifisser li dan ghadu dipendenti finanzjarjament fuq ommu peress ukoll li ikollu pinnoli kull jum (stablon) fuq preskrizzjoni u ikollu jara Psikjatra, attwalment Dr Antoine Grech St James Sliema ta' spiss. L-manteniment qed jintalab ai termini tal-Artikoli 3B(2)(a) u )b) tal-Kap16;*

*6. Illi jigi rilavat li l-kundizzjonita' Edward hi tali li anki ipprova jiehu ruhu b'idejh;*

*7. Illi l-esponenti mhux munita b'certifikati medici stante li fit-terminu presritt ghar-rispota tal-esponenti ma kienx possibli li tottjeni tali certifikati;*

*8. Illi l-intimat ma baqghax jaghti manteniment ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) meta telaq mid-dar izda ghal xi zmien ghadda seba mitt Ewro (€700) izda issa qed joffri manteniment ta tlett mitt Ewro (€3000) (vide Dok G cekk aness) ;*

*9. Illi l-esponenti heddhedd (kif jidher mill-anness Dok H) li jekk l-esponenti mhux ser toqghod ghall-dak li jrid hu bhala kondizzjoni ta' separazzjoni ;*

*10. Illi l-esponenti taf li hemm ukoll investimenti fil-insurance Eagle Star (polza numru 3516698) u Middle Sea Life (polza numru FP433426), dok C u Dok D*

*11. Illi dan l-ahhar skopriet dokumentazzjoni dwar assikurazzjoni Lugano li dwara dan r-ragel ma kien qallha xejn (Dok F). Izda x'jista jkollu investimenti ohrajn u x'seta' ghamel bil-flus li qala l-intimat tul iz-zeiw tal-partijiet ma tafx s'issa aktar;*

*12. Illi l-partijiet dejjem ghexu fid-dar li l-ewwel kienet proprjeta tal-genituri tal-esponenti u wara din l-istess dar li kienet parafernali tal-esponenti izda soggetta ghall-usufrutt t'omm l-esponenti. Mill-ammont ta manteniment li r-ragel kien jghaddi lill-esponenti hi kienet thallas ghall-kollox fid-dar hajja, spejjes tat-tfal eccc. L-intimat kien ihallas 4 minn hames kwoti tal-kont tad-dawl u ilma, il-kwota li l-intimat kien iddecieda li kellha thallas omm l-esponenti kienet thallsu ukoll l-esponenti ghax kienet thoss li stante li qed jghixu bla kera gol-fond in kwistjoni sehem ommha kellha thallsu hi mill-manteniment. Fil-passat ir-ragel kien ukoll ihallas ghall-iskejjel tat-tfal li izda m'ghadhomx imorru skejjel privati. X'ghamel l-intimat bil-flus kollha l-ohra l-esponenti ma tafx;*

*13. Illi l-intimat hu il-General Manager tal-Mellieha Bay Hotel u hu inverosimili mhux biss ihallas xi kera lill-Hotel li imezzi hu stess u hu hafna aktar inverosimili li ser jittkecca minn hemm;*

*14. Illi hu ovvju li l-intimat gab gab din is-sitwazzjoni b'idejh meta ghazel li jaghzel li jibda relazzjoni ma mara ohra. Hu ovvjju ukoll li l-unika soluzzjoni li kien hemm meta ghamel hekk hu li jitlaq mid-dar;*

*15. Illi b'hekk l-ammont mitlub hu ibbazat fuq manteniment futur u sehem l-esponenti mill-assi li s-issa taf bihom u dawk il perswasa li s-issa, ghadha ma*

*skoprietx fuq id-dokumentazzjoni li sabet id-dar lif fuq spjegat. Kienu fatti li r-ragel offra somma redikola ta' manteniment a konfront ta dak li kien jghaddi qabel kif ukoll l-fatt li skopriet dokumentazzjoni fuq assikurazzjoni li r-ragel qatt ma kien tkellem fuqhom mal-esponenti sabiex hi tiehu l-pass li tasal ghall-mandat odjern;*

*16. Illi dan kollu ifisser li jekk, kif qed jigi mitlub, l-mandat de quo jigi revokat u annullat, l-esponenti ser tigi leza fid-drittijiet taghha rigwardanti manteniment ghalijha u uliedha u fis-sehem taghha fil-komunjoni tal-akkwisti u b'hekk tali talba kif mitlub ai termini tal-Artikolu 836910(b) (d) u (f) m'ghandhiex tigi milquha;*

*17. Illi isegwi ukoll, minghajr pregjudizzju ghas-suespost, li m'ghandhom jigi imposti l'ebda penali kif mitlub ai temrini tal-Atikolu 836 (8) (b) (d) (c) (d) tal-COCP;*

*18. Illi ulterjorment minghajr pregjudizzju ghas-suespost, ma hemmx bzonn li issir garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-COCP. L-esponenti bhala mara tad-dar ma tiddisponiex minn fondi likwidi."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Ratin-nota spjegattiva tal-5 ta' Dicembru 2012;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rikors guramentat ir-rikorrenti Marco Abdilla qieghed jitlob ghall-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru 246/12 ghall-ragunijiet indikati fl-Artikoli 836 1 (b), (d), (f), tal-Kap 12

tal-Ligijiet ta’ Malta, kundanna tas-sekwestranta Anna Maria Abdilla ghall-penali u in difett ta’ ezitu favorevoli fuq iz-zewg talbiet fuq indikati, ghall-imposizzjoni ta’ garanzija xierqa ai termini tal-Artikolu 838 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In sostenn ta’ dan, gie ezebit Dok. A kopja tal-Mandat ta’ Sekwestru 246/12 u fotokopja ta’ estratt ta’ *HSBC bank account* , minghajr indikazzjoni cara tal-*account holder*, liema estratt ikopri 11 ta’ Settembru sa 24 t’Ottubru 2012 , li fih hemm indikat li fid-29 ta’ Settembru 2012 *Mellieha Bay Hotel* ghamlet pagament - *direct credit* - lill-Mark Abdilla ghall-ammont ta’ tlett elef, hames mija u erba’ Ewro u hamsin centezmu (€3,504.50).

Minn naha taghha Anna Maria Abdilla ippremettiet li hija kienet izzewget lill Marco Abdilla fit-3 ta’ Gunju 1988 u li minnu ghandha zewgt itfal Edward u Andrew Adbilla, li skond Dok. B ezebit mir-rikorrenti, jidher illi jaqla tlett elef hames mija u erba’ Ewro u hamsin centezmu (€3,504.50) fix-xahar. Illi l-intimata Abdilla kienet tirrisjedi f’proprjeta parafernali taghha, soggetta ghall-uzufrutt ta’ ommha. Kompliet tghid li meta telaq mid-dar konjugali, ir-rikorrenti halla kont pendenti tad-dawl u ilma ta’ elfejn Ewro (€2,000). Hija ikkonfermat li binha Andrew kien taht l-eta u student waqt li Edward ghalkemm maggorenni ghadu dipendenti finanzjarjament fuqha ghaliex ibati minn *dipression* u anka ipprova jiehu ruhu b’idejh (vide Dok. A u B certifikati tal-psikjatri).

Sakemm kien ghadu jghix fid-dar konjugali, ir-rikorrenti Marco Abdilla kien jghaddi lill-martu elf u hames mitt Ewro (€ 1,500) . Malli telaq mid–dar beda jghaddi lil-martu seba’ mitt Ewro (€700) u llum qed jghaddi lill-martu tlett mitt Ewro (€300) vide Dok G. Illi kif jidher minn Dok. H anness, ir-rikorrenti Abdilla hedded li kemm –il darba l-intimata ma tiffirmax is-separazzjoni, huwa jieqaf milli jhallas il-*loans* u jwaqqaf il-manteniment. L-intimata ezebit ukoll investiment ta’ Marco Abdilla mal-*Eagle Star Insurance* Dok. C u mal-*Middle Sea Life* Dok.D, kif ukoll assikurazzjoni fl-Lugano Dok.F. Ir-rikorrenti kien jipretendi illi jhallas biss erbgha (4) minn hames (5) kwoti tal-kont

tad-dawl u ilma, sabiex omm il-mara tieghu Mary Lilian Balzan, thallas l-ahhar kwota, u dana minkejja li kienu jghixu fid-dar taghha bla kera. L-intimata xhedet illi fil-fatt mill-elf u hames mitt Ewro (€1,500), hija kienet ukoll thallas il-kwota ta’ ommha, ghal-kont tad-dawl u ilma. Ir-rikorrenti kien *General Manager* tal-*Mellieha Bay Hotel*, u ma kienx verosimili li jhallas xi kera ghal kamra f’dik il-*hotel*. Illi ir-rikorrenti kellu relazzjoni ma mara ohra , u din kienet ir-raguni ghaliex telaq mid-dar.

Illi l-ammont mitlub kien ibbazat fuq il-manteniment futur, tal-intimata li kienet mara tad-dar, bla impjieg, sehemha mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, fejn jissemma *restaurant*, u ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti Marco Abdilla kellhom jigu michuda.

**Ikkonsidrat:**

Illi dan huwa rikors pprezentant skond l-**Artikolu 836 (1) tal-Kap 12** fejn ir-rikorrenti odjerni, qed jitolbu li l-Mandat ta’ Sekwestru Numru 246/12 fl-ismijiet: “Anna Maria Abdilla ID 324161M vs Marco Abdilla ID 108462M,” jigi revokat stante li qed isostnu li japplikaw id-disposizzjoni tas-subartikolu (1) (b) (d) u (f) tal-istess artikolu.

Illi l-istess **artikolu 836 (1) (b) (d) u (f)** jipprovdu li:-

***“(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intmat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox sew f’parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-***

**(*b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti*;**
***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;***

***(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".***

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward  ta' kawzi dwar revoka ta'Mandati Kawtelatorji fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie. Illi fil-kawza **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** PA (GC) tas-26 t`April 2002 intqal hekk:-

*"Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.  L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** (P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001 – Rikors Numru 286/2001/RCP) u **"Josephine Sammut vs  Emanuel Sammut et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 inghad ukoll *"li mid-dispozizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*

**Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet** "Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti" **(P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002) inghad:-**

*"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-*

*kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. (****"P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited"*** *– P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001;* ***"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd"*** *P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001)".*

Vide ukoll**(**"Yorkie Clothing Industry Ltd" **u** "Calleja Cremona Dr. Lilian" **– P.A. (RCP) tat-30 ta ` Mejju 2002) kif ukoll** "John Zarb vs Port Cottonera Ltd" **– P.A. TM tas-16 ta` Settembru 2002, "Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** (P.A.(RCP) tal-10 ta' Mejju 2001 – Rikors Numru 286/2001/RCP)

**Ikkonsidrat:**

Illi ghar-rigward tal-ilment da parti tar-rikorrenti Marco Abdilla ghar-rigward ta' 836(1)(b) tal-Kap 12 , din il-Qorti, fin-nuqqas assolut ta' indikazzjoni **ta'liema** mir-rekwiziti, ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru huma mankanti jew m'ghadhomx in ezistenza, din il-Qorti ma tista' timbarka fuq ezami, l-anqas wiehed prima facie.

B'referenza ghal dak li gie sottomess rigwardanti l-Artikolu 381(1)(a) tal-Kap. 12, ghandu jinghad illi is-subinnciz (2) tal-istess Artikolu jindika il-manteniment ta' mara mizzewga u tfal minuri jew inkapaci bhala wahda mill-eccezzjonijiet ghal regola indikata fl-ewwel subinciz.

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina it-talba ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru ai termini ta' 836(1)(d) tal-Kap.12.

Skond dak illi gie muri mill-kampjun selettiv ta' wiehed mill-konti bankarji tar-rikorrenti, jidher illi ir-rikorrenti jippercepixxi madwar tlett elef, hames mija u erba' Ewro u hamsin centezmu (€3,504.50) fix xahar . Illi jidher sakemm telaq mid-dar huwa kien jghaddi lill martu elf u hames mitt Ewro (€1500) fix xahar manteniment. Jidher ukoll illi ibnu maggorenni ibati minn dipression u huwa dizokkupat. Dan ifisser illi il-manteniment annwali huwa

ta' tminax –il elf fis-sena (€18,000 per annum) , apparti dak dovut lill-intimata Abdilla ghas-sehem taghha mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-fatt illi ir-rikorrenti bla ebda raguni ghazel illi inaqqas il-manteniment illi is-soltu kien jghaddi lill-martu b'mod daqstant drastiku, flimkien ma it-theddid fuq il-*loan facilities* sabiex jigi kreat pressjoni fuq l-intimata, huma fatturi illi jhassbu serjament lil din il-Qorti.

Fil-verita u skond Dok. H jidher bic-car illi ir-rikorrenti donnu jahseb li l-manteniment huwa **xi att ta' karita li ragel mizzeweg ghandu jaghmel ma martu u wliedu.** Ghal-kuntrarju il-manteniment huwa obbligu dettat mill-ligi u jidher b'mod lampanti illi ir-rikorrenti ghamel diversi theddid ta' natura serja kontra martu kemm ghar-rigward ta' l-ammont ta' manteniment li donnu dejjem jonqos , theddid ghal-tnehhija tal- manteniment addirettura u theddid fuq in-nuqqas ta' hlas tal-*loans*. Illi di piu, in-nota spjegattiva ta' Anna Maria Abdilla tal-5 ta' Dicembru 2012, (vide fol 43 u 44) kif ukoll it-testimonjanza taghha, turi b'mod dettaljat il-htiega tal-ammont indikat fis-Sekwestru 246/12.

Infatti dawn il-Qrati irritenew is-segwenti :

***"... u la darba ir-rikorrenti naqas li jhallas il-manteniment kif mitlub, kellha kull dritt l-intimata tissekwestra flus li taf li kellhom jinghataw lill-zewgha mill-Gvern."*** (vide **Therese Cachia vs Martin Cachia** Qorti tal-Appell deciz 28 ta' Mejju 2010)

Ghaldaqstant certament l-ammont pretiz fil-Mandat Kawtelatorju 246/12 la jidher illi huwa eccesiv wisq anqas ma huwa vessatorju.

Illi ghal dawk illi jirrigwarda Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12, certament ma jidhirx illi mic-cirkustanzi, ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-imsemmi mandat kawtelatorju jew parti minnu jew dan l-att jew li parti minnu m'ghadux aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Gia la darba ma jikkonkorrux l-elementi rekwiziti ghal revoka ta' Mandat ta' Sekwestru, certament ma hemmx lok illi din il-Qorti tinfliggi xi penali fuq l-intimata:

***"… inghad li l-Qorti hija tenuta li timponi penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li il-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-Artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponiha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta' fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza' b'abbuz."***

(Vide Appell Civili **Joseph Rapa vs Raymond Sammut** deciz fit-13 ta' Marzu 2001 , Prim Awla (RCP) **Joseph Borg proprio et nomine vs Joseph Pace** deciz fil-17 ta' Gunju 2010, u Prim Awla (JRM) **Carmel Farrugia u martu Lucija Farrugia vs Charmaine Farrugia f'isimha propju u f'isem binha minuri Francesco** deciz fit-2 t'Awwissu 2012)

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti Marco Abdilla ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru bl-ispejjez kontra tieghu.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------